MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp Raymond D'Anastas)**
**vs**
**Salvatore Agius ta' 38 sena, bin Joseph u Josephine nee Muscat imwieled Haz-Zebbug, fit-30 ta' Novembru, 1964, u residenti Anastasia, Triq it-12 a' Mejju, Haz-Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25665 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Salvatore Agius talli fit-23 ta' Ottubru 2002 ghall-habta tas-7.00am Haz-Zebbug volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u dan meta kkaguna hsara fuq vettura numru AAF 486 ghad-dannu ta' Norbert Farrugia mis-Siggiewi, liema hsara ma tiskorrix il-Lm500 pero izjed minn Lm50 Maltin.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi hebb ghal martu Emerenziana u Norbert Farrugia sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jghamillhom hsara.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji a foll 6 tal-process. Rat li fl-interrogatorju is-Sur Agius ma kellux oggezzjoni ghall-istess proceduri. Rat ukoll moghti d-debita zmien kif verbalizzat hu wiegeb hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Semghet lill-avukat difensur tieghu jivverbalizza li l-hsara giet debitament imhallsa kif konfermata mill-parte civili.

Rat il-fedina penali tal-akkuzat li kif ben tratta l-ufficjal prosekutur l-iktar akkuzi ricenti jirrelataw ma’ nuqqas ta’ ghoti ta’ manteniment fejn nghata R & A. Ghaldaqstant qed tapplika l-artikolu 22 Kap 466 u dan wara li rat l-artiklu 325 u 338 (17) Kap 9 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------